# Il-Karnival fix-Xagħra 2010



**Il-Ġimgħa 12 ta' Frar: <u>Il-Karnival Folkloristiku</u>.**
**Mis-7.00pm 'il quddiem: F'Misraħ il-Vitorja, issir serata folkloristika tal-Karnival li tinkludi għana tradizzjonali Malti, żfin minn *folk groups* Għawdxin u l-kukkanja. Tinżifen parti mill-Kumittiva. Tingħata tazza inbid lil dawk preżenti. Jippreżentaw is-Sur Anthony Grech u s-Sinjura Orietta Gatt.**



**Is-Sibt 13 ta' Frar: <u>Il-Karnival tat-Tfal</u>.**
**Mis-7.30pm 'il quddiem: Fil-Pjazza tan-Nazzarenu, serata Karnivaleska bis-sehem tat-tfal tal-iskejjel. Isiru l-kompetizzjonijiet għal dawn il-kategoriji:**

- **(a) Kategorija A - L-Isbaħ Kostum (tfal sa 5 snin);**
- **(b) Kategorija B – L-Isbaħ Kostum (tfal bejn 6 u 11-il sena);**
- **(c) Kategorija Ċ - L-Isbaħ Kostum (tfal minn 11-il sena 'il fuq);**
- **(d) Kategorija D – Kostumi bil-*foam*;**
- **(e) Kategorija E – Kompetizzjoni għall-Isbaħ karettun mżejjen;**
- **(f) Kategorija F – Kompetizzjoni għall-aħjar kostum spontanju.**



**Tinżifen il-Kumittiva li hija ż-żifna tradizzjonali tal-Karnival. Ikun hemm logħob karnivalesk u *shows* minn *animation teams.* Ikun hemm ukoll il-ftira tradizzjonali Għawdxija. Tingħata tazza inbid lil dawk preżenti. Jippreżentaw is-Sur Joe Louis Sciberras u s-Sinjorina Amanda Sultana.**



**Il-Ħadd 14 ta' Frar: <u>Il-Karnival tal-Familja</u>.**
**10.00am: Sfilata mill-Banda *Victory* tax-Xagħra u l-grupp tal-Kumittiva minn quddiem il-Mitħna ta' Kola sa Misraħ il-Vitorja.**
**Bejn il-11.30am u s-2.30pm: F'Misraħ il-Vitorja, isir programm prinċipali tal-Karnival li jinkludi diversi kumpaniji ta' żfin, maskri grotteski u karrijiet trijonfali. Tingħata l-prinjolata lil dawk preżenti. Il-*compères* ta' din l-attivita' ser ikunu Renato u Roderick Azzopardi.**

# Ejja u ddeverti!!